



KONTROLLUR EWROPEW
GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA



RAPPORT ANNWALI

SOMMARJU EŻEKUTTIV '22



Aktar dettalji dwar l-EDPS jinstabu fuq is-sit web tagħna fuq edps.europa.eu.

Is-sit web jagħti wkoll dettalji dwar [karatteristika ta' abbonament](#) fil-bullettin tagħna.

Waterford, l-Irlanda - Brussell, il-Belġju: Trilateral Research Ltd, Vrije Universiteit Brussel, 2023

© Disinn u Ritratti: Trilateral Research Ltd, l-EDPS u l-Unjoni Ewropea

© L-Unjoni Ewropea, 2023

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma' s-sors oriġinali. Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhumiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

PRINT ISBN 978-92-9242-748-1 doi: 10.2804/75788 QT-AB-23-001-MT-C

PDF ISBN 978-92-9242-738-2 ISSN 1831-0567 doi: 10.2804/436207 QT-AB-23-001-MT-N

DAĦLA



Għandi l-pjaċir li naqsam magħkom ir-Rapport Annwali tal-EDPS għall-2022. Inħares lura lejn din is-sena b'ammont kbir ta' riflessjoni. Din kienet sena mimlija avvenimenti: ta' sfida u ta' tama, diffiċli iżda ta' inkoraġġiment - kemm għad-dinja b'mod ġenerali, kif ukoll għall-EDPS.

Din is-sena, bl-invażjoni Russa tal-Ukrajna, ġiet skattata reazzjoni bla preċedent mill-Unjoni Ewropea (UE). Dak li wriet l-UE matul din l-aħħar sena huwa li hija kapaċi ssib soluzzjonijiet għall-UE kollha, speċjalment metankunu wiċċ imb wiċċ ma' theddida esterna, b'mod li mhux biss jagħti prova tas-solidarjetà iżda wkoll jiddefendi l-valuri u l-prinċipji ewlenin tagħna. Huwa f'dan l-ispirtu li l-EDPS ipprova juri wkoll, matul l-aħħar sena, l-impenn tagħna li nirrispettaw id-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data, anke fi żminijiet ta' kriżi fejn il-miżuri u t-tweġibiet tagħna kellhom ikunu rapidi u effiċjenti. L-isforzi tagħna biex nappoġġjaw lil-leġiżlaturi tal-UE fil-proċess leġiżlattiv u biex nissorveljaw l-iżvilupp tal-Eurojust, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali, huma xhieda tat-twemmin tagħna li aħna aktar b'saħħitna flimkien.

Minkejja dan il-maltemp fil-livell globali, din is-sena kienet ukoll waħda ta' aspirazzjoni u żvilupp - mument biex nirriflettu fuq kif nistgħu noħolqu futur li jista' jindirizza b'mod effettiv l-isfidi tal-lum. Bi tħaddin sħiħ tar-realtà ta' wara l-pandemija, organizzajna konferenza fi Brussell

fis-16-17 ta' Ġunju dwar "Il-Futur tal-Protezzjoni tad-Data: Infurzar Effettiv fl-Era Diġitali". B'din il-konferenza, aħna ġbarna aktar minn 2 000 parteċipant, kemm wiċċ imb wiċċ kif ukoll mill-bogħod, madwar objettiv ewlieni wieħed: li nrawmu l-progress fid-dibattitu dwar il-futur tal-infurzar tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. Jien kburi b'dan l-avveniment u bid-diskussjonijiet rikki li żvolgiew matul il-konferenza tagħna li damet jumejn, li wasslu għal azzjonijiet tanġibbli fil-komunità tal-protezzjoni tad-data. L-impenni tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data riflessi fid-Dikjarazzjoni tas-Summit ta' Vjenna tiegħu, jew fil-pjanijiet tal-Kummissjoni Ewropea li tipproponi leġiżlazzjoni li tarmonizza ċerti aspetti proċedurali tal-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data, huma żewġ eżempji importanti tal-effett li kellha l-konferenza tagħna. Ninsab heqan li nara fejn se twassalna din il-konverżazzjoni, u ninsab grat lejn il-komunità tagħna b'mod ġenerali għall-kuraġġ tagħha f'dawn ir-riflessjonijiet.

Bħala l-awtorità tal-protezzjoni tad-data li tissorvelja l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-UE, il-EDPS għandu r-rwol partikolari li jissorvelja esklussivament l-awtoritajiet pubbliċi.

Ma' dan ir-rwol jiġi sens ta' responsabbiltà biex tikkontribwixxi għal riflessjonijiet dwar il-funzjoni tal-istat f'soċjetà demokratika. Dan wassalna, pereżempju, biex naqsmu l-Kummenti Preliminari tal-EDPS dwar is-Software ta' Spjunaġġ Modern bħala tentattiv biex tinħoloq sorveljanza demokratika aħjar fuq il-prattiki relatati mal-infurzar tal-liġi jew is-sigurtà nazzjonali.

F'dan il-kuntest, aħna ppubblikajna wkoll Ordni tal-EDPS lill-Europol biex tħassar settijiet ta' data kbar mingħajr ebda rabta stabbilita mal-attività kriminali. It-tweġiba leġiżlattiva għal din il-kwistjoni u r-rikors sussegwenti tal-EDPS lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

biex tannulla d-dispożizzjonijiet retroattivi tar-Regolament emendat dwar il-Europol hija sinjal tat-twemmin profond tagħna li l-Unjoni Ewropea tista' - tistabbilixxi standards globali dwar l-istat tad-dritt u l-valuri demokratiċi - u għandha tagħmel dan.

Għal dan l-għan, l-ogħla standards għandhom ikomplu jiġu mfittxija fl-UE nnifisha. Għas-snin li ġejjin, aħna nibqgħu impenjati li nikkontribwixxu għal dan l-isforz importanti. Ninsab ċert li s-sena d-dieħla se ġġib l-isfidi u r-rivelazzjonijiet proprji tagħha - iżda ninsab f'ħerqan li nindirizzahom, flimkien mat-tim dinamiku u ddedikat tal-EDPS tagħna.



Wojciech Wiewiórowski

Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

KAPITOLU 1

Dwarna



1.1.

L-EDPS

Min aħna

Il-[Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data](#) (EDPS) huwa l-awtorità indipendenti tal-Unjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-data responsabbli għas-superviżjoni tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi Ewropej (EUIs).

Aħna nagħtu parir lill-EUIs dwar proposti leġiżlattivi u inizjattivi ġodda relatati mal-protezzjoni tad-data personali.

Aħna nimmonitorjaw l-impatt ta' teknoloġiji ġodda fuq il-protezzjoni tad-data u nikkooperaw mal-awtoritajiet superviżorji biex niżguraw l-infurzar konsistenti tar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.

Il-missjoni tagħna

Il-protezzjoni tad-data hija dritt fundamentali, protett mil-liġi Ewropea. Aħna nipromwovu kultura b'saħħitha ta' protezzjoni tad-data fl-EUIs.

Il-valuri u l-prinċipji tagħna

Aħna nagħmlu xogħolna skont l-erba' valuri li ġejjin.

- **Imparzialità:** naħdmu fi f'dan il-qafas leġislativ u ta' politika mogħti lilna, inkunu indipendenti u oġġettivi, u nsibu l-bilanċ it-tajjeb bejn l-interessi inkwistjoni.
- **Integrità:** inżommu l-oġġla standards ta' mgħiba u dejjem nagħmlu dak li huwa sewwa.
- **Trasparenza:** nispejgaw dak li nkunu qed nagħmlu u għaliex, b'lingwaġġ ċar aċċessibbli għal kulħadd.
- **Prammatiżmu:** nifhmu l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati tagħna u nfitxu soluzzjonijiet li jaħdmu b'mod prattiku.

X'nagħmlu

Għandna erba' oqsma ewlenin ta' ħidma.

- **Superviżjoni u Infurzar:** Aħna nimmonitorjaw l-ipproċessar tad-data personali mill-EUs biex niżguraw li dawn jikkonformaw mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.
- **Politika u Konsultazzjoni:** Aħna nagħtu parir lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar proposti leġislativi u inizjattivi relatati mal-protezzjoni tad-data.
- **Teknoloġija u Privatezza:** Aħna nimmonitorjaw u nivvalutaw l-iżviluppi teknoloġiċi li għandhom impatt fuq il-protezzjoni tad-data personali. Aħna nissorveljaw is-sistemi ta' appoġġ għall-ipproċessar tad-data personali mill-EUs biex naraw li jimplimentaw salvagwardji adegwati biex jiżguraw il-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data. Aħna nimplimentaw it-trasformazzjoni diġitali tal-EDPS.
- **Kooperazzjoni:** Aħna naħdmu mal-awtoritajiet superviżorji biex nipromwovu protezzjoni konsistenti tad-data madwar l-UE. Il-pjattaforma ewlenija tagħna għall-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data hija l-[Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data](#), li nagħtulu segretarjat, u li miegħu għandna [Memorandum ta' Qbil](#) li jiddefinixxi kif nikkollaboraw.

Is-Setgħat Tagħna

Is-setgħat li għandna bħala l-awtorità tal-protezzjoni tad-data tal-EUs huma stabbiliti fir-[Regolament \(UE\) 2018/1725](#).

Skont dan ir-Regolament, nistgħu, pereżempju, inwissu jew nwidbu lil EU li qed tipproċessa d-data personali b'mod illegali jew inġust; nordnaw lill-EUs jikkonformaw mat-talbiet biex jeżerċitaw id-drittijiet tal-individwi; nimponu projbizzjoni temporanja jew definittiva fuq operazzjoni partikolari ta' pproċessar tad-data; nimponu multi amministrattivi lill-EUs; nirreferu każ lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Għandna wkoll setgħat speċifiċi biex nissorveljaw il-mod kif dawn il-korpi u l-aġenziji li ġejjin jipproċessaw id-data personali: Europol - l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi skont ir-Regolament 2016/794; Eurojust - l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali skont ir-Regolament 2018/1727; u l-UPPE - l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew skont ir-Regolament (UE) 2017/1939; kif ukoll Frontex - l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta.

Għal aktar tagħrif dwar l-EDPS, ikkonsulta l-[paġna tal-Mistoqsijiet Frekwenti](#) tagħna fuq is-sit web tal-EDPS.

Għal aktar tagħrif dwar il-protezzjoni tad-data b'mod ġenerali, ikkonsulta l-[paġna Glossarju](#) tagħna fuq is-sit web tal-EDPS.

1.2.

L-Istrateġija tal-EDPS għall-2020 - 2024

F'dinja konnessa, fejn id-data tiċċirkola bejn il-fruntieri, is-solidarjetà fl-Ewropa, u dik internazzjonali, se tgħin biex jissaħħaħ id-dritt għall-protezzjoni tad-data u biex id-data taħdem għan-nies madwar l-UE u lil hinn minnha.

L-Istrateġija tal-[EDPS għall-2020-2024](#) tiffoka fuq tliet pilastri: **il-Previżjoni**, **l-Azzjoni** u **s-Solidarjetà** biex jissawwar futur diġitali aktar sikur, aktar ġust u aktar sostenibbli.

- **Previżjoni:** L-impenn tagħna li nkunu istituzzjoni intelliġenti li tikkunsidra perspettiva fit-tul tax-xejriet fil-protezzjoni tad-data u l-kuntest legali, tas-soċjetà u teknoloġiku.
- **Azzjoni:** L-iżvilupp b'mod proattiv ta' għodod għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji Ewropej biex ikunu mexxejja dinjija fil-protezzjoni tad-data. Il-promozzjoni tal-koerenza fl-attivitajiet tal-korpi tal-infurzar fl-UE b'espresjoni aktar b'saħħitha tas-solidarjetà Ewropea ġenwina, il-kondiviżjoni tal-piżijiet u approċċ komuni.
- **Solidarjetà:** aħna nemmnu li l-ġustizzja teħtieġ li l-privatezza tiġi salvagwardjata għal kulħadd, fil-politiki kollha tal-UE, filwaqt li s-sostenibbiltà għandha tkun l-ixprun għall-ipproċessar tad-data fl-interess pubbliku.

KAPITOLU 2

Nimxu 'l quddiem: I-għanijiet tagħna għall-2023 u lil hinn



Rieżami ta' Nofs it-Terminu tal-Istrateġija - "Insawru Futur Diġitali Aktar Sikur"

L-istrateġija tal-EDPS għall-2020-2024 "Insawru Futur Diġitali Aktar Sikur" ġiet idderivata fuq l-għatba ta' bidla globali. Imfassla fil-bidu tas-sena 2020, hija stabbiliet tliet pilastru fokali strateġiċi għall-EDPS: **Previżjoni**, **Azzjoni**, u **Solidarjetà**. Madankollu, anke l-aqwa esperti tal-previżjoni tagħna ma setgħux ibassru l-bidla fundamentali li kellha ssegwi. Il-pandemija tal-COVID-19, il-gwerra fuq l-Ukrajna, u l-kriżi ekonomika globali kollha fformaw parti mill-ambjent ta' sfida li kellna niffaċċjaw, wara l-adozzjoni tal-istrateġija tagħna tal-2020.

Huwa għalhekk li fl-2022, iddeċidejna li nwettqu rieżami ta' nofs it-terminu tal-istrateġija tagħna għall-2020-2024. Mibdi bl-intenzjoni li jiġi evalwat il-progress li sar fuq l-oġġettivi elenkati fl-istrateġija, ir-rieżami ta' nofs it-terminu fforma mument kruċjali biex jiġi kkunsidrat jekk kinitx meħtieġa bidla fid-direzzjoni istituzzjonali fid-dawl tal-ambjent globali li qed jinbidel. Il-kapitolu li ġej tar-Rapport Annwali jippreżenta r-riżultati tar-rieżami ta' nofs it-terminu u jstabbilixxi l-viżjoni u l-prijoritajiet iffokati mill-ġdid tal-EDPS għall-bqija tal-istrateġija.

Proċedura tar-rieżami ta' nofs it-terminu

Ġie implimentat approċċ minn isfel għal fuq għar-rieżami ta' nofs it-terminu li ra l-evalwazzjoni tal-istrateġija mwettqa minn ġewwa. Din id-deċiżjoni ġiet adottata bl-intenzjoni li jiġu sfruttati l-perspettivi ġodda tal-persunal tal-EDPS, filwaqt li jiġi kkunsidrat it-tkabbir istituzzjonali li sar mill-2020. Dan l-approċċ iippermettietna nisfruttaw l-għarfien u l-esperjenza interdixiplinari interni tal-persunal tal-EDPS, sabiex nidentifikaw l-oqsma fokali ewlenin għal xogħolna fis-snin li ġejjin.

Ir-rieżami ta' nofs it-terminu twettaq f'żewġ stadji. L-ewwel stadju kien jikkonsisti f'analiżi tan-nuqqasijiet. Din l-analiżi twettqet abbażi ta' eżerċizzju ta' mmappjar li fih ipparteċipa l-persunal kollu tal-EDPS. Dan l-eżerċizzju beda uffiċjalment b'diskussjoni bejn il-Kontrollur u l-persunal tal-EDPS, li fiha l-Kontrollur qasam il-proċedura ppjanata ta' riflessjoni u kunsiderazzjoni miftuħa tal-persunal. Wara kontribut siewi li wasal fil-livell tal-persunal, tnieda l-eżerċizzju ta' mmappjar. L-eżerċizzju ta' mmappjar ippreżenta ħarsa ġenerali lejn is-57 objettiv elenkati fl-istrateġija tal-EDPS għall-2020-2024 li dwarhom il-persunal tal-EDPS irrifletta dwar jekk u sa liema punt l-objettivi kienu ntlaħqu. Wara din il-valutazzjoni preliminari, twettqet analiżi tan-nuqqasijiet biex jiġi identifikat l-istat ta' progress tal-objettivi.

Ir-riżultati tal-eżerċizzju ta' mmappjar żvelaw il-progress sostanzjali li għamilna biex nimplimentaw u niksbu l-objettivi elenkati fl-istrateġija. Mis-57 objettiv elenkati fl-istrateġija, l-analiżi tan-nuqqasijiet żvelat li s'issa twettqu 15-il objettiv, 40 għadhom għaddejnin, u 2 biss għadhom fi proċess bikri ta' implimentazzjoni.

Ir-riżultati pożittivi tal-analiżi tan-nuqqasijiet iffurmaw il-pedamenti għat-tieni stadju tar-rieżami ta' nofs it-terminu. Matul din it-tieni fażi konsultattiva, il-persunal tal-EDPS ġie kkonsultat dwar il-futur tal-EDPS u talab li jitqies kif ir-realtajiet ġodda tal-ambjent tagħna jistgħu jiġġustifikaw bidla fil-prijoritajiet għall-bqija tal-istrateġija. Ingħatat attenzjoni speċifika għall-identifikazzjoni ta' oqsma fokali li l-EDPS jixtieq jikkonċentra aktar sforzi fuqhom għall-bqija tal-istrateġija.

Riżultat tar-rieżami ta' nofs it-terminu: mit-tiswir ta' futur diġitali aktar sikur, għall-promozzjoni tat-tiswir tiegħu

Ir-riżultati tal-fażi ta' konsultazzjoni wasslu għall-ħolqien ta' diversi priyoritajiet istituzzjonali, li aħna nqisu ewlenin, u nimpennaw ruħna li nagħtu attenzjoni u riżorsi addizzjonali għall-bqija tal-istrateġija għall-2020-2024.

Prijorità Nru 1: Infurzar effettiv tal-protezzjoni tad-data f'xenarju regolatorju ġdid

Bl-adozzjoni ta' diversi inizjattivi leġiżlattivi fil-qasam diġitali, l-EDPS, flimkien mal-komunità tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data, jinsab f'ambjent regolatorju ferm aktar kumpless. Dan ix-xenarju regolatorju ġdid, li jinvolvi leġiżlazzjoni bħall-Att dwar il-Governanza tad-Data (DGA), l-Att dwar is-Swieq Diġitali (DMA) u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA), minn naħa waħda, u l-proposti għall-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u għall-Att dwar id-Data, min-naħa l-oħra, jirriżulta f'funzjonijiet regolatorji ġodda u awtoritajiet regolatorji previsti mil-leġiżlatur.

Filwaqt li, fil-prinċipju, dawn l-atti ma jipprevedux preġudizzju u lanqas ma jemendaw il-GDPR (jew l-EUDPR), diversi dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti l-ġodda jew futuri jirreferu b'mod espliċitu għad-definizzjonijiet, il-kunċetti u l-obbligi previsti fil-GDPR. Barra minn hekk, filwaqt li l-ipproċessar tad-data personali huwa ċentrali għall-attivitajiet irregolati minn kull att, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data mhumiex maħtura bħala l-awtoritajiet kompetenti ewlenin. L-infurzar huwa fdat - kompletament

jew sa grad sinifikanti ħafna - lil awtoritajiet li l-kompiti tagħhom jikkonċernaw prinċipalment objettivi ta' politika għajr il-protezzjoni tad-*data* jew il-privatezza. Konsegwentement, hemm bżonn li jiġi żgurat approċċ koerenti għall-attivitajiet regolatorji fl-isfera diġitali kollha. Għalhekk se naħdmu biex infasslu l-kunċett tar-rwol tagħna fir-rigward ta' dawn l-awtoritajiet, u biex nidentifikaw l-aspettattivi ta' dawn l-awtoritajiet fir-rigward tal-EDPS.

Abbażi tal-esperjenza konsolidata u rikonoxxuta tagħha li tiżgura approċċ koerenti fl-ekosistema diġitali, għalhekk se niżviluppaw u nwettqu b'mod attiv il-ħidma tal-fora ta' koordinazzjoni rilevanti skont il-liġi, bħall-Grupp ta' Livell Għoli dwar id-DMA u fora ta' koordinazzjoni rilevanti oħra previsti mil-liġi, kemm bħala l-EDPS kif ukoll bħala membru tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, kif xieraq.

Se nipromwovu wkoll b'mod attiv kooperazzjoni b'saħħitha mal-korpi rilevanti f'każijiet fejn korp ta' koordinazzjoni speċifiku ma jkunx previst mil-liġi, iżda fejn l-infurzar se jirrikjedi djalogu mill-qrib mal-awtoritajiet inkarigati bl-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet b'implikazzjonijiet ta' privatezza u protezzjoni tad-*data*.

Barra minn hekk, se nistinkaw biex niżguraw li l-prinċipji u r-regoli ta' protezzjoni tad-*data* ma jiġux imminati mill-applikazzjoni u l-infurzar ta' leġiżlazzjoni ġdida. Għalhekk, l-EDPS se jkompli jinvolvi ruħu fil-funzjoni konsultattiva tagħna sabiex jimmonitorja u jenfasizza l-konsegwenzi potenzjali li jirriżultaw mill-implimentazzjoni Prattika ta' oqfsa regolatorji ġodda. Se tiġi kkunsidrata wkoll azzjoni ta' infurzar fejn xieraq.

Huwa f'dan il-kuntest li l-EDPS qed jiffaċċja wkoll ir-rwol potenzjali tiegħu bħala awtorità superviżorja tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-UE (EUIs) għall-Intelliġenza Artifiċjali. Kemm minn perspettiva organizzattiva kif ukoll minn dik metodoloġika, huma previsti tnejn intensivi biex niżguraw li nkunu lesti li nwettqu l-kompitu l-ġdid tagħna mill-bidu nett.

Il-proġett tal-Euro Diġitali huwa wkoll ta' importanza strateġika kbira għalina u jeħtieġ kooperazzjoni mill-qrib fost esperti b'għarfien espert fl-oqfsa tal-politika, legali, it-teknoloġija u s-superviżjoni. Filwaqt li ħafna se jiddependi fuq l-għażliet tad-disinn li jsiru, il-proġett tal-Euro Diġitali bla dubju se jkollu implikazzjonijiet sinifikanti għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*. Proposti oħra li jikkonċernaw is-settur finanzjarju wkoll se jeħtieġu skrutinju mill-qrib, bħall-proposta għal qafas leġiżlattiv ta' finanza miftuħa, li se jkollha l-għan li tippermetti l-kondiviżjoni tad-*data* u l-aċċess tal-partijiet terzi għal firxa wiesgħa ta' setturi u prodotti finanzjarji. Għalhekk, aħna se nikkunsidraw bl-akbar attenzjoni l-interazzjoni possibbli mal-Att dwar il-Governanza tad-*Data* u l-Att dwar id-*Data*.

Il-[Konferenza tal-EDPS li saret f'Ġunju 2022](#) dwar "*Il-futur tal-protezzjoni tad-*data*: Infurzar effettiv fid-dinja diġitali*", xprunat progress sinifikanti u tant meħtieġ fid-dibattitu pubbliku dwar l-infurzar tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR). L-iżviluppi relatati, b'mod partikolari l-hekk imsejja [Dikjarazzjoni ta' Vjenna tal-EDPB](#) u l-proposta mħabbra tal-Kummissjoni Ewropea għal Regolament li jarmonizza ċerti aspetti tar-regoli proċedurali nazzjonali, juru li l-isforzi dwar it-titjib potenzjali fil-funzjonament tal-GDPR se jkomplu jiddominaw id-dibattitu fis-snin li ġejjin. Is-suċċess tal-Konferenza tal-EDPS, f'termini tal-interess pubbliku u l-impatt, juri li hemm rwol sinifikanti għall-EDPS, bħala istituzzjoni indipendenti tal-UE, f'dan id-dibattitu biex jipromwovi approċċi pan-Ewropej li jiżguraw li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE tiġi rispettata bis-sħiħ.

Prijorità Nru 2: L-interoperabbiltà bħala sfida li teħtieġ approċċ superviżorju mġedded

Bil-bidu tal-interoperabbiltà, l-EDPS qed jiffaċċja obbligi sostanzjali biex jiżgura approċċ superviżorju effettiv. Bl-introduzzjoni tal-qafas tal-interoperabbiltà tal-UE li jadotta approċċ ġdid għall-ġestjoni tad-*data* għall-fruntieri u s-sigurtà, sussegwentement qed nikkunsidraw mill-ġdid ukoll il-metodoloġija tagħha għas-superviżjoni ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira. Il-bidliet fl-interoperabbiltà proposti mill-qafas tal-UE jaraw li jitqabblu diversi sistemi tal-IT fuq skala kbira mal-bażijiet tad-*data* tal-Europol u tal-Interpol, li tkun ekosistema ta' flussi ta' *data* li żżid ir-riskji għas-suġġetti tad-*data* ġġenerati mill-operazzjoni tas-sistemi sottostanti.

Hemm diversi sfidi li identifikkaw li jeħtieġ li jiġu indirizzati. Il-komplessità tal-arkitettura ġenerali u tal-frammentazzjoni tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* titlob monitoraġġ rikalibrat li jiffoka fuq il-flussi tad-*data*, aktar milli fuq il-kontroll separat tal-ipproċessar tad-*data* f'sistemi differenti. Bl-istess mod, l-introduzzjoni ta' attivitajiet addizzjonali ta' pproċessar ta' *data* li inizjalment ma kinux stabbiliti fl-istrument legali li jirregola l-istabbiliment ta' kull waħda mis-sistemi tal-IT fuq skala kbira sottostanti titlob skrutinju bir-reqqa tal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop. Barra minn hekk, jista' jkun hemm deċiżjonijiet meħuda li jkollhom impatt sostanzjali fuq il-protezzjoni tad-*data* relatati mal-proċeduri ta' kumitat u t-trasferimenti tar-responsabbiltajiet lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA). In-nuqqas ta' perkors uniku li permezz tiegħu jiġu eżerċitati d-drittijiet tas-suġġett tad-*data* b'mod simultanju fis-sistemi kollha jista' jwassal għal frammentazzjoni ta' dawn id-drittijiet.

L-EDPS għalhekk se jiffoka fuq it-tliet oqsma ta' prijorità li ġejjin, li se jiffurmaw bażi għas-superviżjoni tagħna tal-qafas ta' interoperabbiltà sa tmien il-mandat:

(1) Id-drittijiet tas-suġġett tad-*data* - Il-mira li jiġi indirizzat ir-riskju ta' frammentazzjoni tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* mill-varjetà ta' bażijiet tad-*data* interoperabbli b'diversi kontrolluri, se nesploraw il-potenzjal ta' superviżjoni kkoordinata (inkluża riflessjoni konġunta mad-DPA dwar il-proċeduri ta' razzjonalizzazzjoni tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*). Barra minn hekk, se nimmiraw li niżviluppaw approċċ proattiv għad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*, b'mod partikolari d-dritt għall-informazzjoni.

(2) Strateġija tal-awditjar - L-iżvilupp ta' strateġija mfassla apposta għall-awditjar tal-protezzjoni tad-*data* fis-sistemi tal-IT fuq skala kbira u l-komponenti tal-interoperabbiltà, adattati għall-ekosistema l-ġdida, li possibbilment jikkostitwixxu bidla mill-awditjar tas-sistemi f'silo għal dak tal-flussi ta' *data*. L-istrateġija se tinkludi approċċ konġunt għall-awditjar tal-interoperabbiltà billi tqis aktar obbligi ta' awditjar lejn l-Aġenziji tal-UE (l-Europol, il-Frontex, il-Eurojust), sabiex tissalvagwardja l-limitazzjoni tal-iskop u tivverifika li dawk l-entitajiet ikunu qed jaċċessaw u jipproċessaw *data* f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom. Dan l-approċċ konġunt se jkun fih parti legali u teknika. Barra minn hekk, peress li r-regolamenti tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira jitolbu b'mod espliċitu lill-EDPS biex iwettaq "*l-awditi skont l-istandards internazzjonali tal-awditjar*", se tkun meħtieġa interpretazzjoni komuni ta' dan ir-rekwiżit.

(3) Tfassil algoritmiku ta' profili - Xogħol dwar it-tfassil algoritmiku ta' profili se jkollu l-għan, b'mod partikolari, li jippożizzjona lill-EDPS dwar l-applikazzjoni ta' din l-għodda fil-qafas tal-interoperabbiltà (ETIAS u VIS) u, b'mod aktar ġenerali, li jiffoka b'mod partikolari fuq kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni, affidabbiltà, proporzjonalità u trasparenza. Is-superviżjoni tat-tfassil algoritmiku ta' profili hija kwistjoni kumplessa li tinsab biss fi stadju bikri u teħtieġ kooperazzjoni ma' aġenziji u korpi oħra fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u n-nondiskriminazzjoni, u possibbilment ma' atturi oħra tas-soċjetà ċivili u l-akkademja. Tali superviżjoni se tappoġġja l-kontribut tagħna għall-ħidma kemm tal-ETIAS - is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvaġġar kif ukoll għall-Bordijiet ta' Gwida tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża dwar id-Drittijiet Fundamentali u se timmira li tiżviluppa għodod xierqa ta' monitoraġġ u superviżjoni għal dan il-qasam ġdid ta' superviżjoni.

Prijorità Nru 3: Kooperazzjoni internazzjonali għall-promozzjoni ta' approċċi komuni globali dwar l-isfidi tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-data

Aħna nqisu li l-involvement attiv fil-kooperazzjoni internazzjonali huwa ta' importanza fundamentali. B'dan il-mod, nistgħu ninvolvu komunità usa' lil hinn mill-Ewropa u nipromwovu fehim u approċċi komuni għall-isfidi dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza. Qed nippjanaw li nkomplu nżidu l-isforzi tagħna fil-qasam tal-kooperazzjoni internazzjonali, peress li diversi suġġetti ta' importanza strateġika għolja jiġu diskussi f'fora internazzjonali.

B'mod partikolari, beħsiebna nrawmu l-koordinazzjoni tal-azzjonijiet u l-istrateġija tal-membri tal-EDPB f'fora internazzjonali, ninvolvu ruħna aktar fil-ħidma mwettqa fil-kuntest tal-GPA - Assemblea Globali tal-Privatezza, il-Kunsill tal-Ewropa kif ukoll fi ħdan ir-Roundtable tal-G7 dwar id-DPAs, u l-OECD - l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, billi niżguraw parteċipazzjoni attiva u rappreżentanza effettiva tal-fehmiet tal-awtoritajiet Ewropej u tal-EDPB. Se nimmiraw ukoll li nkomplu nintensifikaw il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali kif ukoll ma' networks reġjonali tal-protezzjoni tad-data.

Prijorità Nru 4: Reviżjoni tal-proċessi tal-EDPS biex tiġi żgurata l-effiċjenza f'ambjent li qed jinbidel malajr

L-istrateġija tal-EDPS għall-2020-2024 qed tiġi implimentata f'perjodu li fih seħħew kriżi wara l-oħra. Mill-pandemija tal-COVID-19, għall-invażjoni Russa tal-Ukrajna, għaż-żieda fil-kostijiet tal-enerġija u fl-inflazzjoni, kellna nadattaw il-metodi u l-proċessi ta' ħidma tagħna sabiex inkomplu nnettqu l-output tagħna. Filwaqt li rnexxielna niksbu r-riżultati, fil-prinċipju, fl-impenji meħuda fl-istrateġija, l-analiżi interna turi l-ħtieġa li jkomplu jiġu aġġustati mill-ġdid approċċi għal ċerti proċessi, bl-għan li jittejbu l-effiċjenza u l-istandards fit-tul tagħna, kemm bħala amministrazzjoni pubblika tal-UE kif ukoll bħala awtorità tal-protezzjoni tad-data.

Fil-każ tal-aħħar, dan jirrigwarda, fost l-oħrajn, riżultati tanġibbli bħas-segwitu ta' notifikati ta' ksur tad-*data*, ir-riżoluzzjoni ta' lmenti, jew il-kapaċità li jiġu mmirati b'mod proattiv suġġetti kritiċi relatati mal-konformità permezz ta' investigazzjonijiet jew awditi. Se ssir aktar riflessjoni dwar għodod ġodda li jippermettu valutazzjoni tal-konformità online jew mill-bogħod. FI-istess ħin, il-limitazzjonijiet tar-riżorsi umani u baġitarji joħolqu ostaklu sinifikanti għat-twettiq tal-kompiti supervizzorji tal-EDPS.

Bl-istess mod, il-gwerra fl-Ukrajna ġġib magħha kompiti awtonomi ġodda lill-EDPS. FI-2021, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet pakkett leġislativ biex jiġi emendat ir-Regolament tal-Eurojust biex jippermetti l-ipproċessar tal-evidenza miġbura għall-fini tal-investigazzjoni ta' delitti tal-gwerra mwettqa mir-Russja. FI-2022, ġiet adottata emenda leġislativa oħra li ħatret lill-Eurojust bħala hub Ewropew għall-konservazzjoni, il-ħżin u l-analiżi tal-evidenza relatata ma' delitti internazzjonali ewlenin. Aħna ngħatajna rwol importanti fit-twaqqif tal-bażi tad-*data* l-ġdida dwar l-evidenza. F'Jannar 2023, il-Kummissjoni Ewropea ħabbret it-twaqqif taċ-Ċentru Internazzjonali għall-Prosekuzzjoni tad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna (ICPA) fil-Eurojust. Dawn il-bidliet leġislativi kollha diġà rriżultaw jew se jirriżultaw f'kompiti addizzjonali sostanzjali għalina. Minħabba l-importanza politika tal-appoġġ tal-UE lill-Ukrajna, kif ukoll l-ammont ta' xogħol konsiderevoli marbut magħha, l-attivitajiet tagħna f'dan il-qasam ser jiġu rikonossuti bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin tagħna.

Bl-interess pubbliku dejjem jikber tal-ħidma tal-EDPS, kif intwera, fost l-oħrajn, min-numru ta' talbiet ta' aċċess għad-dokumenti, aħna nimpenjaw ruġna wkoll għal standards oġġla ta' trasparenza, mhux biss permezz ta' amministrazzjoni tajba, iżda wkoll bħala mezz importanti biex il-ħidma tagħna ssir aċċessibbli għall-individwi. Aħna nimpenjaw ruġna wkoll li nkomplu niżguraw livelli għoljin ta' protezzjoni tad-*data* u responsabbiltà, u li nkunu ta' eżempju mhux biss billi nikkonformaw mar-rekwiżiti legali, iżda wkoll billi nesploraw u nagħmlu użu minn għodod u servizzi tal-oġġla livell favur il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*. Fir-rigward taċ-ċibersigurtà, se jkollna nadattaw għal regolamenti ġodda li għandhom l-għan li jiżguraw livell komuni għoli ta' ċibersigurtà fl-EUs kollha.

KAPITOLU 3

Il-punti ewlenin tal-2022



3.1.

L-użu tas-setgħat tagħna għall-protezzjoni tal-individwi

Bħala awtorità superviżorja għall-protezzjoni tad-data responsabbli għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE (EUIs), l-għan tagħna huwa li niżguraw li jirrispettaw id-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data, li jipproteġu l-individwi u d-drittijiet fundamentali tagħhom għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data.

Biex ngħinu fil-kisba ta' dan, aħna nipprovdu lill-EUIs bi gwida, noħorġu rakkomandazzjonijiet, rimarki u Opinjonijiet, inwettqu awditi, noffru sessjonijiet ta' taħriġ, kif ukoll riżorsi oħra biex insaħħuhom bl-għodod xierqa biex ipoġġu l-protezzjoni tad-data fil-prattika matul il-kompiti, id-deċiżjonijiet jew il-miżuri ta' kuljum tagħhom li jeħtieġu l-ipproċessar tad-data personali tal-individwi.

3.1.1.

Is-Superviżjoni tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja

Fost is-suġġetti li fuqhom kien meħtieġ l-intervent tagħna, enfasi partikolari tal-ħidma tagħna kien mifrux fuq is-superviżjoni tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (AFSJ) tal-UE, li jkopri oqsma ta' politika li jvarjaw mill-ġestjoni tal-fruntieri esterni, il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kriminali, kif ukoll l-ażil, il-migrazzjoni, il-ġlieda kontra l-kriminalità. L-AFSJ jinkludi Aġenziji tal-UE, bħall-[Europol - l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi](#), il-[Frontex - l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta](#), l-[UPPE - l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew](#), il-[Eurojust - l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali](#).

Għalhekk, ir-rwol tagħna f'dan il-qasam kien partikolarment importanti, minħabba s-sensittività tal-informazzjoni li qed tiġi pproċessata, u l-impatt konsiderevoli li dan jista' jkollu f'każ ta' ġestjoni ħażina.

3.1.2.

Trasferimenti ta' data personali lejn pajjiżi mhux tal-UE/taż-ŻEE

It-tema tat-trasferimenti internazzjonali ta' data personali lejn pajjiżi barra mill-UE jew miż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) ġibdet ukoll l-attenzjoni tagħna dejjem aktar fis-snin, inkluż fl-2022, u talbithom jimmobilizzaw riżorsi sostanzjali biex jiżguraw il-livell ta' protezzjoni tad-data personali tal-individwi.

Għal dan l-għan, aħna wettaqna ċertu għadd ta' inizjattivi, u pprovdejna pariri u rakkomandazzjonijiet dwar kif l-EUs għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data meta jużaw servizzi jew meta jidħlu f'kuntratti ma' entitajiet li jinsabu barra mill-UE/miż-ŻEE.



L-użu ta' prodotti u servizzi mhux tal-UE/taż-ŻEE

L-inizjattivi tagħna jinkludu l-investigazzjonijiet li għaddejnin tagħna dwar l-użu ta' prodotti u servizzi tal-cloud mill-EUs minn entitajiet ibbażati barra l-UE/iż-ŻEE, b'mod partikolari l-użu mill-Kummissjoni Ewropea ta' Microsoft Office 365, il-ħruġ ta' linji gwida u politiki, kif ukoll l-għoti ta' taħriġ lill-EUs. Dawn l-isforzi għandhom l-għan li jżidu l-għarfien dwar ir-riskji maħluqa mill-użu ta' għodod jew mit-twettiq ta' attivitajiet ta' pproċessar tad-data li jinvolve trasferimenti ta' data barra mill-UE/miż-ŻEE. L-għan tagħna huwa wkoll li niġbdu l-għarfien dwar il-klawżoli kuntrattwali u l-arranġamenti amministrattivi, kif ukoll dwar miżuri oħra li għandhom jiġu stabbiliti biex jiġi żgurat li d-data personali tal-individwi tkun protetta b'mod essenzjalment ekwivalenti barra mill-UE/miż-ŻEE.

Fil-ħidma tagħna f'dan il-qasam, u fid-dawl tas-setgħat tagħna tal-EDPS, aħna awtorizzajna għadd ta' trasferimenti ta' data personali lil pajjiżi mhux tal-UE/taż-ŻEE, fejn l-EUIs setgħu jagħtu prova ta' proċeduri sodi u salvagwardji biex jiġi żgurat li dawn it-trasferimenti jiżguraw il-protezzjoni tad-data personali tal-individwi.

Bl-għan li nkunu ta' eżempju f'dan il-qasam, qed naħdmu wkoll lejn l-użu ta' prodotti u servizzi alternattivi li huma bbażati fl-UE/fiż-ŻEE, u qed inħeġġu lill-EUIs biex jikkunsidraw dan ukoll.

3.1.3.

Awditjar ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira



Wieħed mir-rwoli ewlenin tagħna huwa li niżguraw il-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza fil-kuntest tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-isparju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja. Waħda mill-funzjonijiet tagħna hija li nawditjaw dawn is-sistemi biex niżguraw li dawn jikkonformaw mar-regolamenti dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza.

Fit-twettiq tal-funzjoni ta' awditjar tagħna, aħna nevalwaw il-miżuri tekniċi u organizzattivi stabbiliti mill-operaturi tas-sistema, filwaqt li niżguraw li s-sistemi jkunu ddisinjati bi prinċipji ta' privatezza mid-disinn. Nippromwovu wkoll l-aħjar prattiki billi nikkondividu s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet mill-awditi ma' awtoritajiet oħra tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, filwaqt li nippromwovu kultura ta' eċċellenza fil-protezzjoni tad-data u tal-privatezza madwar l-UE.

Bl-attivitajiet ta' awditjar tagħna, aħna naħdmu biex inqajmu għarfien fost l-EUIs u l-pubbliku ġenerali dwar l-importanza tal-protezzjoni tad-data u l-privatezza fis-sistemi tal-IT fuq skala kbira. Billi nissodisfaw dan ir-rwol vitali, ngħinu biex nissalvagwardjaw l-informazzjoni personali taċ-ċittadini tal-UE u niżguraw li s-sistemi tal-IT fuq skala kbira jaderixxu mal-ogħla standards ta' protezzjoni tad-data u ta' privatezza.

F'Ottubru 2022, aħna wettaqna awditu fuq il-post ta' tliet sistemi tal-IT fuq skala kbira, fl-eu-LISA - l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja fi Strażburgu:

Il-**Eurodac**, il-Bażi tad-Data tas-Sistema Ewropea għat-Tqabbil ta' Data Dattiloskopika ta' Persuni li Jfittxu l-Ażil, li tassisti fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil.

L-**SIS II**, li tappoġġja s-sigurtà interna u l-iskambju ta' informazzjoni dwar individwi u oġġetti bejn l-awtoritajiet tal-pulizija nazzjonali, tal-kontroll fil-fruntieri, tad-dwana, tal-viżi u ġudizzjarji.

Il-**VIS**, li tappoġġja l-applikazzjoni tal-politika komuni tal-UE dwar il-viżi u tiffaċilita l-kontrolli fil-fruntieri u l-kooperazzjoni konsulari.

L-awditu inkluda r-rieżami tal-metodoloġija u l-prattiki li tuża l-eu-LISA biex tiżviluppa u tittestja sistemi filwaqt li tiżgura li jiġu applikati l-prinċipji tas-sigurtà u tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku. Barra minn hekk, aħna awditajna l-miżuri relatati mal-Governanza tas-Sigurtà tal-IT, l-inċidenti tas-sigurtà u l-ksur tad-data personali, u vverifikajna l-applikazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-awditi preċedenti tagħna.

3.2.

Niproteġu l-indipendenza tagħna

Regolament ġdid tal-Europol: Azzjoni legali tal-EDPS quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Fis-16 ta' Settembru 2022, aħna tlabna li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) tannulla żewġ dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Europol li kien għadu kif ġie emendat, li daħal fis-seħħ fit-28 ta' Ġunju 2022 ([Kawża T-578/22 - EDPS vs Il-Parlament u Il-Kunsill](#)). Iż-żewġ dispożizzjonijiet għandhom impatt fuq l-operazzjonijiet ta' data personali mwettqa fil-passat mill-Europol. Meta jagħmlu dan, id-dispożizzjonijiet jaffettwaw serjament iċ-ċertezza legali tad-data personali tal-individwi u jheddu l-indipendenza tal-EDPS.

3.3.

Insawru futur diġitali aktar sikur

Kif stabbilit fl-Istrateġija Ewropea tal-EDPS għall-2020-2024 tagħna, aħna nivvalutaw inizjattivi fejn id-data ġenerata fl-Ewropa tiġi kkonvertita f'valur għall-kumpaniji u l-individwi Ewropej, u pproċessata f'konformità mal-valuri Ewropej, biex insawru futur diġitali aktar sikur. Skont din id-direzzjoni, aħna pprovdejna pariri lil-leġiżlatur tal-UE dwar firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet: pereżempju, is-saħħa, l-intelliġenza artifiċjali, inizjattivi li jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-kriminalità.

Normalment nagħtu pariri lil-leġiżlatur tal-UE dwar il-proposta ta' leġiżlazzjoni fil-forma ta' opinjonijiet jew kummenti formali. L-**Opinjonijiet** tagħna jinħarġu bi tweġiba għal talbiet obligatorji mill-Kummissjoni Ewropea, li hija legalment obbligata li tfittex il-gwida tagħna dwar kwalunkwe proposta


leġiżlattiva, kif ukoll rakkomandazzjonijiet u proposti lill-Kunsill fil-kuntest ta' ftehimiet internazzjonali b'impatt fuq il-protezzjoni tad-data. **Kummenti Formali** jinħarġu bi tweġiba għal talba mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-abbozz ta' atti ta' implimentazzjoni jew delegati.

Fejn proposta leġiżlattiva jew proposta rilevanti oħra tkun ta' importanza partikolari għall-protezzjoni tad-data personali, il-Kummissjoni Ewropea tista' tikkonsulta wkoll lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB). F'każijiet bħal dawn, l-EDPS u l-EDPB jaħdmu flimkien biex joħorġu **Opinjoni Konġunta**.

L-Att tal-UE dwar id-Data

Aħna ħriġna [Opinjoni Konġunta mal-EDPB dwar il-proposta għal Att dwar id-Data](#), li għandha l-għan li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-aċċess għad-data ġġenerata minn firxa wiesgħa ta' prodotti u servizzi u l-użu tagħha, inklużi oġġetti konnessi ("Internet tal-Oġġetti"), apparat mediku jew tas-saħħa u assistenti virtwali.

L-Opinjoni enfasizzat li d-data trid tiġi pproċessata skont il-valuri Ewropej jekk għandna l-għan li nsawru futur diġitali aktar sikur. Hekk kif jinħolqu opportunitajiet ġodda għall-użu tad-data, għandu jiġi żgurat li l-qafas eżistenti tal-protezzjoni tad-data jibqgħu kompletament intatt. Aħna enfasizzajna wkoll li l-aċċess għad-data mill-awtoritajiet pubbliċi għandu dejjem ikun definit b'mod xieraq u limitat għal dak li huwa strettament meħtieġ u proporzjonat, li mhuwiex il-każ skont l-abbozz tal-Att dwar id-Data.



L-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa

Aħna wettaqna wkoll [Opinjoni Konġunta dwar il-proposta tal-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa](#), li fiha pproponejna protezzjoni b'saħħitha tad-data elettronika dwar is-saħħa.

Il-proposta dwar l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa hija l-ewwel waħda minn sensiela ta' proposti għal spazji komuni Ewropej speċifiċi għall-qasam. Dan se jkun parti integrali mill-bini ta' Unjoni

Ewropea tas-Saħħa bl-għan li l-UE tkun tista' tagħmel użu sħiħ mill-potenzjal offrut minn skambju, użu u użu mill-ġdid sikuri u siguri tad-data dwar is-saħħa.

Flimkien mal-EDPB, aħna esprimejna diversi punti ta' tħassib, b'mod partikolari dwar l-użu sekondarju tad-data elettronika dwar is-saħħa.

L-Intelliġenza Artifiċjali

Kif enfasizzat fl-Istrateġija tal-EDPS għall-2020-2024, l-Intelliġenza Artifiċjali (IA) qed tintuża dejjem aktar fis-servizzi pubbliċi u fil-ġustizzja kriminali. Ir-rwol tagħna huwa li niżguraw li din it-teknoloġija ġdida tintuża f'konformità mal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data u li tirrispetta l-privatezza tal-individwi.

Minbarra inizjattivi oħra li pproduċejna, jew li pparteċipajna fihom, ħriġna [Opinjoni dwar ir-Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għal konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-intelliġenza artifiċjali, id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt \(il-Konvenzjoni dwar l-IA\)](#), li aħna nqisu bħala pass importanti biex niżviluppaw l-ewwel strument internazzjonali legalment vinkolanti dwar l-IA skont l-istandards u l-valuri Ewropej dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, li jikkomplementa l-Att tal-UE dwar l-Intelliġenza Artifiċjali. Madankollu, aħna enfasizzajna l-ħtieġa li jiġu inklużi salvagwardji xierqa, robusti u ċari dwar il-protezzjoni tad-data biex jiġu protetti l-individwi li jistgħu jiġu affettwati mill-użu tas-sistemi tal-IA.



Il-ġlieda kontra l-kriminalità

Aħna ħriġna għażla ta' Opinjonijiet dwar diversi Proposti fil-qasam tal-liġi kriminali.

Pereżempju, waħda mill-Opinjonijiet tagħna, maħruġa b'mod konġunt mal-EDPB, iffukat fuq proposta għal [Regolament għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda kontra dan \(CSAM\)](#). Aħna esprimejna l-appoġġ tagħna għall-għanijiet u l-miri tal-proposta, filwaqt li esprimejna madankollu t-tħassib li din tista' tippreżenta aktar riskji għall-individwi, u, b'estensjoni, għas-soċjetà kollha kemm hi, milli għall-kriminali mfittxija għas-CSAM.

Eżempju notevoli ieħor fejn aħna pprovdjuna r-rakkomandazzjonijiet u l-gwida tagħna kien is-suġġett tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-ġlieda kontra l-kriminalità. B'mod partikolari, ħriġna [Opinjoni](#) dwar żewġ Proposti: waħda biex tawtorizza lill-Istati Membri tal-UE jiffirmaw it-[Tieni Protokoll Addizzjonali](#) għall-[Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità](#), u l-oħra biex tawtorizza lill-Istati Membri tal-UE biex jirratifikaw dan l-istess Protokoll.

Filwaqt li l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-kriminalità huma mira leġittima, li għalih il-kooperazzjoni internazzjonali, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni, għandha rwol importanti, aħna enfazzzajna l-importanza li l-UE jkollha ftehimiet sostenibbli għall-kondiviżjoni ta' data personali ma' pajjiżi mhux tal-UE għal finijiet ta' infurzar tal-liġi. Dawn il-ftehimiet jenħtieġ li jkunu kompletament kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, inklużi d-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data.

3.4.

Il-futur tal-protezzjoni tad-data: Infurzar effettiv fid-dinja diġitali



F'Ġunju 2022, organizzajna l-Konferenza tal-EDPS tagħna, bit-titolu "[Il-Futur tal-Protezzjoni tad-Data: Infurzar Effettiv fid-Dinja Diġitali](#)", li ġabret iktar minn 2 000 parteċipant, kemm fi Brussell kif ukoll online. B'aktar minn mitt kelliem; tliet sessjonijiet ewlenin; sittax-il sessjoni sekondarji; disa' kummenti prinċipali

individwali; u ħames avvenimenti sekondarji. L-avveniment ta' jumejn rawwem konverżazzjonijiet kruċjali dwar il-futur tal-protezzjoni tad-data, b'enfasi partikolari fuq l-infurzar tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR).

Il-viżjoni fit-tul tagħna għall-futur tal-protezzjoni tad-data hija ċara: huwa meħtieġ li nersqu lejn l-infurzar b'mod pan-Ewropew sabiex jiġi żgurat livell għoli reali u konsistenti ta' protezzjoni tal-individwi u tinkiseb il-wegħda tal-GDPR.

3.5.

Monitoraġġ Teknoloġiku u Previżjoni


Wieħed mit-tliet pilastri ewlenin tal-istrategġija tal-EDPS għall-2020-2024 huwa l-**previżjoni**, jiġifieri, l-impenn tagħna li nkunu istituzzjoni intelliġenti li tiegħu l-perspettiva fit-tul tax-xejriet fil-protezzjoni tad-data u l-kuntest legali, soċjetali u teknoloġiku.

Wieħed mill-modi kif inqiegħdu l-prospettiva fil-prattika huwa li ninvolvu ruġna ma' esperti, speċjalisti u awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data. Beħsiebna nifhmu t-teknoloġiji, nanalizzaw l-implikazzjonijiet tagħhom fuq il-privatezza u l-protezzjoni tad-data fuq l-individwi, bl-għan li niskambjaw l-għarfien u nimminizzaw l-iżvilupp ta' dawn it-teknoloġiji ġodda u emerġenti b'mod konsistenti mas-settur privat. **TechSonar** u **TechDispatch** huma tnejn mill-inizjattivi tagħna f'dan il-qasam.

TechSonar għandha l-għan li tantiċipa xejriet teknoloġiċi emerġenti. L-għan ewlieni ta' din l-inizjattiva huwa li tifhem aħjar l-iżviluppi futuri fis-settur tat-teknoloġija mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-data. Abbażi tal-isforz kollettiv tagħna, permezz ta' tiftix ta' xejriet, brainstorming, rieżami, publikazzjoni, promozzjoni u monitoraġġ kontinwu, aħna għandna l-għan li nikkontribwixxu għad-dibattitu usa' dwar il-prospettiva fi ħdan l-EUIs. Ippublikat fl-10 ta' Novembru 2022, it-tieni [rapport annwali ta' TechSonar](#) jidħol f'ħames teknoloġiji li jistħoqqilhom monitoraġġ f'din is-sena li ġejja. Dawn huma: munita diġitali tal-bank ċentrali; il-metavers; id-data sintetika; it-tagħlim kollaborattiv; u s-sistemi ta' detezzjoni tal-aħbarijiet foloz.



TechDispatch għandha l-għan li tispjega l-iżviluppi teknoloġiċi emerġenti. Ir-rapporti ta' TechDispatch, li għalihom aħna ksibna premju tal-Assemblea Globali tal-Privatezza fl-2021, huma parti mill-attivitajiet usa' tal-EDPS dwar il-[monitoraġġ tat-teknoloġija](#). Kull TechDispatch tipprovdi deskrizzjonijiet fattwali ta' teknoloġija ġdida, tivvaluta b'mod preliminari l-impatti possibbli fuq il-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali, kif aħna nifhmuhom issa, u tipprovdi links għal qari rakkomandat ulterjuri. It-TechDispatch ta' din is-sena, ippubblikat f'Lulju 2022, jiffoka fuq il-Fediverse u l-Pjattaformi tal-Media Soċjali Federati.



3.6.

Innovazzjoni Diġitali

Il-promozzjoni ta' għodod favorevoli għall-protezzjoni tad-data li jirrispettaw, u jipprioritizzaw, id-drittijiet fundamentali tal-individwi matul l-iżvilupp u l-użu tagħhom hija waħda mill-għanijiet ewlenin tagħna tal-Istrateġija tal-EDPS għall-2020-2024. Biex inwieġbu għal dawn l-oġettivi, aħna fittxejna, u nkomplu nfittxu, għodod alternattivi, inklużi għodod ta' komunikazzjoni u kollaborazzjoni, f'konformità mal-liġijiet u l-istandards tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data. Billi nużaw dawn l-għodod alternattivi aħna stess, għandna l-għan li nħeġġu lill-EUs biex isegwu l-eżempju tagħna. B'dan il-mod, nistgħu kollettivament nimminimizzaw id-dipendenza tagħna fuq il-monopolju, sabiex jiġi evitat lock-in detrimental.

Aħna għandna rwol sinifikanti fil-promozzjoni tal-innovazzjoni diġitali billi nkunu ta' eżempju, pereżempju billi nużaw applikazzjonijiet u pjattaformi ta' sors miftuħ li joffru alternattivi favur il-privatezza minflok il-prodotti u servizzi furnuti minn kumpaniji kbar tat-teknoloġija. L-impenn tagħna għall-privatezza jestendi kemm għan-networks soċjali kif ukoll għall-għodod ta' kollaborazzjoni, b'inizjattivi bħal EU Video, EU Voice, u l-proġetti pilota Nextcloud.

Fi Frar 2022, nedejna l-fażi pilota ta' żewġ pjattaformi tal-media soċjali: [EU Voice](#), biex tippubblika posts regolari dwar l-attivitajiet tagħna, u [EU Video](#), biex tippubblika filmati, bħala mezzi ta' komunikazzjoni addizzjonali u alternattivi ta' interazzjoni mal-udjenza tagħna. Iż-żewġ pjattaformi huma parti minn networks tal-media soċjali deċentralizzati, b'xejn u ta' sors miftuħ li jgħaqqdu lill-utenti f'ambjent orjentat lejn il-privatezza, abbażi tas-software Mastodon u PeerTube. Iż-żewġ proġetti jenfasizzaw il-protezzjoni tad-data u l-privatezza tal-utenti, filwaqt li jiżguraw li l-EUs ikollhom aċċess għal għodod ta' komunikazzjoni li jallinjaw mal-valuri u l-prinċipji Ewropej, mingħajr ma jikkompromettu l-informazzjoni personali tagħhom.



Minbarra n-networks soċjali, aħna nappoġġjaw l-adozzjoni ta' għodod ta' kollaborazzjoni alternattivi li jagħtu prijorità lill-privatezza. Il-proġett pilota Nextcloud huwa l-ewwel eżempju ta' dan l-impenn. Nextcloud hija pjattaforma tal-cloud awtoospitata minn sorsi miftuħa li tippermetti lill-utenti jaħżnu, jikkondividu u jikkollaboraw fuq fajls, kalendarji u kuntatti b'mod sikur. Billi nipromwovu u nużaw għodod favur il-privatezza bħal Nextcloud, aħna nuru impenn lejn it-trawwim ta' ekosistema diġitali li tirrispetta l-prinċipji ta' protezzjoni tad-data u ta' privatezza, billi nħeġġu, fl-aħħar mill-aħħar, l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet alternattivi innovattivi u li jirrispettaw aktar il-privatezza.

F'Ġunju 2022, matul il-konferenza tal-EDPS "[Il-Futur tal-Protezzjoni tad-Data: Infurzar Effettiv fid-Dinja Diġitali](#)", żviluppajna wkoll soluzzjoni ta' vidjokonferenzi mfassla apposta li rrispettaw bis-sħiħ ir-rekwiżiti tat-trasferiment tad-data skont il-GDPR u r-Regolament (UE) 2018/1725, li jippermettulna mmexxu bl-eżempju u nwittu t-triq għall-konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data. Bħala awtorità tal-protezzjoni tad-data responsabbli għas-sorveljanza tal-EUs kollha, kien importanti għalina li nuru li tista' tintwera konformità eżemplari fir-rigward tal-għodod ta' vidjokonferenza u, b'mod partikolari, li jkun hemm konformità mar-regoli dwar it-trasferimenti tad-data fir-rigward tat-trasferiment ta' data personali lil pajjiżi barra l-UE u ż-ŻEE.

3.7.

Nikkomunikaw id-data personali



Li nispegaw dak li qed nagħmlu u għaliex, b'mod trasparenti, ċar u interattiv huwa parti mill-għanijiet tagħna bħala organizzazzjoni, għaliex huwa importanti li ċ-ċittadini tal-UE jifhmu d-drittijiet tal-protezzjoni tad-data tagħhom, u kif dawn jistgħu jiġu affettwati.

Preżenza online li qed tikber dejjem aktar

Il-EDPS għandu preżenza online stabbilita sew fuq diversi kanali tal-media soċjali, jiġifieri [Twitter](#) (29,1k), [LinkedIn](#), fejn din is-sena qbiżna 63 000 segwaċi, [YouTube](#) (2,75k), [EU Voice](#) (5,1k) u [EU Video](#) (0,69k) li bihom nistgħu nilħqu udjenza globali faċilment u malajr.

B'mod ġenerali, aħna noħolqu kontenut biex nipromwovu kampanji li jtejbju l-viżibbiltà kif ukoll rapportar dirett tal-parteċipazzjoni tal-EDPS f'avvenimenti.

It-tressiq tal-protezzjoni tad-data eqreb tal-pubbliku

Il-protezzjoni tad-data tista' tkun pjuttost kumplessa xi drabi; għalhekk, aħna nagħmlu l-isforz tagħna biex noħorġu kontenut li jkun adattat kemm għall-esperti kif ukoll għal dawk li mhumiex esperti fi kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data, u b'hekk inqarrbu l-ħidma tagħna lejn il-pubbliku.

Dan jinkludi l-produzzjoni ta' [ittri ta' informazzjoni ta' kull xahar](#), l-għoti ta' spjegazzjonijiet qosra u li jinqraw malajr dwar l-aħħar inizjattivi tagħna u b'liema mod dawn jista' jkollhom impatt fuq il-pubbliku; il-produzzjoni ta' [skedi informattivi](#), li fihom aħna nispegaw kunċetti ewlenin fil-qasam tal-protezzjoni tad-data, kif ukoll it-tweqqi ta' kampanji fuq il-media soċjali, u l-kollaborazzjoni ma' EUIs oħra biex titqajjem kuxjenza dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data. Biex inkomplu mexjin f'din id-direzzjoni, din is-sena nedejna serje ġdida ta' podcast, [Newsletter Digest](#), biex nilħqu udjenza akbar, u infurmajnihom dwar x'nagħmlu biex niproteġu d-data tagħhom.

Il-Media u r-Relazzjonijiet Pubbliċi

Aħna ta' spiss ninteraġixxu mal-media, speċjalment permezz tal-istqarrijiet għall-istampa tagħna dwar inizjattivi sinifikanti tal-protezzjoni tad-data li għandhom impatt wiesa' fl-UE kollha. Din is-sena, diversi suġġetti ġibdu l-aktar attenzjoni, b'talbiet għal segwitu jew għal intervista, bħas-superviżjoni tal-Europol u tal-Frontex, jew il-Konferenza tal-EDPS tagħna f'Ġunju.

Bl-istess mod, aħna nżommu r-relazzjoni tagħna mal-pubbliku, billi nindirizzaw talbiet pubbliċi dwar il-ħidma u l-kompetenzi tagħna bħala istituzzjoni tal-UE, u billi norganizzaw żjarat ta' studju fil-bini tagħna.

Iż-żieda fir-ritmu wara l-COVID-19

Hekk kif ir-restrizzjonijiet tal-COVID-19 ġew minimizzati gradwalment, stajna nissoktaw bl-avvenimenti, inżidu l-attivitajiet wiċċ imb wiċċ, filwaqt li xorta waħda nadattaw dawn l-avvenimenti għal dinja ta' wara l-COVID. L-avvenimenti u l-attivitajiet tagħna tfaßlu kemm għall-preżenza online kif ukoll personalment; fl-istess ħin, għenuna nnaqqsu l-impatt ambjentali tagħna bħala organizzazzjoni. B'mod notevoli, aħna ospitajna b'suċċess żewġ avvenimenti ibridi kbar: il-Konferenza dwar "[Il-Futur tal-Protezzjoni tad-Data. Infurzar effettiv fid-dinja diġitali](#)" f'Ġunju 2022, li ospitat 2 000 persuna kemm online kif ukoll wiċċ imb wiċċ, u l-"[Konferenza tagħna dwar is-Superviżjoni: Il-protezzjoni tad-data u l-ġustizzja kriminali](#)" f'Novembru 2022, b'aktar minn 200 persuna online u wiċċ imb wiċċ. Għall-biċċa l-kbira tal-avvenimenti tagħna, għamilna l-aħjar sforzi biex inkunu "aktar ekoloġiċi" billi nixtru mill-kejtering lokali, nevitaw il-ħela tal-ikel u nġibu l-materjal tad-ditta tagħna lokalment u li jkun magħmul minn materjali li jistgħu jerġgħu jintużaw.

Komunikazzjoni Kollaborattiva

Fl-2022, ħdimna ma' EUIs oħra, u kkollaborajna fuq attivitajiet ta' komunikazzjoni komuni. F'Ottubru, ingħaqadna mal-ENISA - l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà, u mal-Kummissjoni Ewropea, biex inressqu kampanja [għax-xahar iddedikat għaċ-ċibersigurtà Ewropea](#) (ECSM), li jfakkar l-10 anniversarju tiegħu. F'każ ieħor, ipprovdejna ideat u appoġġ fi kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data għall-finijiet ta' komunikazzjoni interistituzzjonali online (IOCC). B'mod partikolari bil-proġetti pilota EU Voice u EU Video, ikkooperajna b'mod wiesa' mal-IOCC biex nipprovdu gwida editorjali u politiki tas-servers u ngħinu lill-EUIs jipparteċipaw fil-proġett.

3.8.

Organizzazzjoni li qed tevolve

Biex nappoġġjaw l-oġġettivi tagħna, b'mod partikolari daww stabbiliti fl-Istrateġija tal-EDPS għall-2020-2024 tagħna, aħna espandejna l-organizzazzjoni tagħna, u għamilna bidliet oħra biex nirroriflettu aħjar il-mod ta' kif naħdmu.



Aħna aġġustajna l-organizzazzjoni interna tal-EDPS, bil-ħolqien ta' Servizz Legali ddedikat, u s-Settur tal-Governanza u l-Konformità Interna, biex ikun hemm l-għarfien espert meħtieġ biex ikunu jistgħu jitwettqu ċerti kompiti.

L-ilħuq tal-għanijiet tagħna jfisser ukoll li jeħtieġ li nimmaniġġjaw ir-riżorsi tagħna bir-reqqa. F'dan ir-rigward, għe investit sforz sostanzjali fl-ippjanar, l-eżekuzzjoni u l-awditjar tal-baġit tagħna.

Għamilna wkoll it-tnejn meħtieġa biex nifkxu uffiċċju ta' kollegament tal-EDPS fi Strażburgu, li se jiġi inawgurat uffiċjalment fil-bidu tal-2023, biex insaħħu l-kooperazzjoni interistituzzjonali u internazzjonali, u biex inkunu nistgħu nipprovdnu appoġġ konsultattiv addizzjonali dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data.

Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni 2022

Aħna nużaw numru ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) biex jgħinuna nimmonitorjaw il-prestazzjoni tagħna fid-dawl tal-oġġettivi ewlenin stabbiliti fl-Istrateġija tal-EDPS. Dan jippermettilna naġġustaw l-attivitajiet tagħna, jekk meħtieġ, biex inżidu l-impatt tal-ħidma tagħna u l-użu effettiv tar-riżorsi.

It-tabella ta' valutazzjoni tal-KPI ta' hawn taħt fiha deskrizzjoni fil-qosor ta' kull KPI u tar-riżultati fil-31 ta' Diċembru 2022. Dawn ir-riżultati jitkejlu mal-miri inizjali, jew imqabbla mar-riżultati tas-sena ta' qabel, użati bħala indikatur

FI-2022, ilħaqna jew qbiżna - f'xi każijiet b'mod sinifikanti - il-miri stabbiliti fi tmienja minn disa' KPIs, b'eċċezzjoni waħda li hi l-KPI8 - Ir-rata ta' okkupazzjoni tal-pjan ta' stabbiliment. Dawn ir-riżultati juru b'mod ċar ir-rota pożittiva li żammejna fl-implimentazzjoni tal-oġġettivi strateġiċi tagħna matul is-sena.

INDIKATORI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI		Riżultati 31.12.2022	Mira 2022
KPI 1 Indikatur intern	Numru ta' inizjattivi, inkluż pubblikazzjonijiet, dwar il-monitoraġġ tat-teknoloġija u dwar il-promozzjoni ta' teknoloġiji li jtejbju l-privatezza u l-protezzjoni tad-data organizzati jew koorganizzati mill-EDPS	13-il inizjattiva	10 inizjattivi
KPI 2 Indikatur Intern u Estern	Numru ta' attivitajiet iffokati fuq soluzzjonijiet ta' politika transdixxiplinarji (interna u esterna)	8 attivitajiet	8 attivitajiet
KPI 3 Indikatur Intern	Numru ta' każijiet indirizzati fil-kuntest tal-kooperazzjoni internazzjonali (GPA, KtE, OECD, IWGDPT, GPEN, Konferenza tar-Rebbiegħa, organizzazzjonijiet internazzjonali) li għalihom l-EDPS ipprova kontribut sostanzjali bil-miktub	27 każ	5 każijiet
KPI 4 Indikatur Estern	Numru ta' fajls li għalihom l-EDPS aġixxa bħala rapporteur ewlieni, rapporteur, jew membru tat-tim tal-abbozzar fil-kuntest tal-EDPB	21 każ	5 każijiet
KPI 5 Indikatur Estern	Numru ta' opinjonijiet u opinjonijiet konġunti tal-EDPS-EDPB dwar l-Artikolu 42 maħruġa bi tweġiba għat-talbiet ta' konsultazzjoni leġiżlattiva tal-Kummissjoni Ewropea	4 Opinjonijiet Konġunti 27 Opinjoni	Is-sena preċedenti bħala parametru referenzjarju

KPI 6 Indikatur Estern	Numru ta' awditi/żjarat li saru fiżikament jew remoti	4 awditi 2 żjarat	3 awditi/żjarat differenti
KPI 7 Indikatur Estern	Numru ta' segwaċi fil-profil tal-media soċjali tal-EDPS YouTube (YT), LinkedIn (L), Twitter (T), EU Voice u EU Video	YT- 2.75k L - 63k T - 29.1k EU Voice - 5.1k EU Video - 0.69k	Riżultati tas-sena preċedenti + 10 %
KPI 8 Indikatur Intern	Ir-rata ta' okkupazzjoni tal-pjan ta' stabbiliment	86,9%	90%
KPI 9 Indikatur Intern	Implimentazzjoni tal-baġit	98,2%	85%



edps.europa.eu



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

